MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Numru 259/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank G. Tabone)**

**v.**

**Julian Calleja**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Julian Calleja, ta' 28 sena, iben Angelo Joseph u Bernarda nee' Camilleri imwieled Rabat, Ghawdex, nhar s-19 ta' Ottubru, 1983, u residenti fil-fond 'Tan-Naboku', Triq Ras il-Bajada, Munxar, Ghawdex, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin numru 4584G talli nhar l-5 ta' Mejju 2012, ghal-habta tat-tlieta u ghaxra ta' wara nofsinhar (1510hrs) gewwa diversi postijiet fil-Munxar Ghawdex:

1. Saq vettura bil-mutur tal-ghamla Skoda bin-numru tac-chassis TMBADA200L0120115 b'nuqqas ta' kont, bi

traskuragni, jew b'mod perikoluz. (Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65).

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq l-imsemmija vettura bil-mutur minghajr ma l-licenzja kienet mahruga mil-Awtorita Kompetenti jew mgedda ghas-sena kurrenti (Reg. 13(1) tal-A.L 198 tal-2009).

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq l-imsemmija vettura bil-mutur minghajr ma kellu l-pjanci tar-registrazzjoni msemmija fl-artikolu 32(1) tal-A.L. 198 tal-2009) jew pjanci mahruga minn xi awtorita kompetenti ohra (Reg. 32(7) tal-A.L 198 tal-2009).

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi malli kien qieghed issuq l-imsemmija vettura u waqt li kien riesaq lejn 'pedestrian crossing' naqas li jnaqqas il-velocita' (Art. 89(1) tal-L.S. 65.11).

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi malli kien qieghed isuq l-imsemmija vettura ecceda l-limitu ta' velocita waqt li kien ghaddej minn gewwa Belt jew Rahal (Art. 127(1) tal-L.S. 65.11).

6. U aktar fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi talli saq l-imsemmija vettura bil-mutur minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni (Art. 3(1) tal-Kap. 104).

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq limsemmija vettura minghajr ma kien qieghed jaghmel uzu mic-cinturin tas-sigurta' (Art. 3 tal-L.S. 65.12).

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq l-imsemmija vettura b'tali mod li ghamlet hsejjes zejda (Art. 105 tal-L.S. 65.11).

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-digriet mahrug nhar il-15 ta' Marzu 2012 mil-Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D (Art. 579(2) tal-Kap. 9).

10. U aktar talli sar recediv b'sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew mhassra (Art. 49, 50 tal-Kap. 9)

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta htija barra milli tapplika l-piena skont il ligi tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' l-imputat u dan skond l-artikolu 579 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il–Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna ukoll l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal zmien tnax –il xahar u dan skond l-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Mejju, 2012 li permezz taghha dik il-Qorti wara l-ammissjoni tal-imputat tal-imputazzjonijiet kollha hlief ghad-disa' imputazzjoni kif registrata fil-verbal tas-seduta tal-istess data sabet lill-imputat Julian Calleja hati tad-disa' imputazzjoni u fuq ammissjoni tieghu sabitu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kiollha migjuba kontrih u kkundannatu tlettax-il (13) xahar prigunerija u ordnat il-konfiska tal-vettura tal-ghamla Skoda bin-numru tac-chassis TMBADA200L0120115 u ordnat is-sospensjoni tal-licenzja ghal perjodu ta' sena li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl tal-jum tal-istess sentenza. Il-Qorti ordnat ukoll ir-revoka tal-helsien mill-arrest li l-imputat kien inghata permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) nhar il-15 ta' Marzu 2012 u ordnat l-arrest mill-gdid tieghu u ghazlet li fic-cirkostanzi d-depozitu u l-garanzija personali mposti fid-digriet tal-helsien mill-arrest tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) nhar il-15 ta' Marzu 2012 ma jigux konfiskati favur il-Gvern ta' Malta u ordnat li kopja tas-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qorti u Tribunali ta' Ghawdex u lid-Direttur ta' Trasport Malta.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell tal-imputat Julian Calleja minnu prezentat fl-24 ta' Mejju 2012, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tat-8

ta’ Mejju 2012 billi tbiddel is-sentenza fejn ikkundannat lill-imputat ghal-piena karcerarja effettiva u minflokha tbiddilha ghal wahda sospiza b’ordni ta’ sorveljanza fuqu.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Fil-5 ta’ Mejju 2012 ghall-habta tat-3.10 pm fl-inhawi tal-Pjazza tal-Munxar, f’Ghawdex, l-imputat kien qieghed isuq karozza tal-marka Skoda bla numri ta’ registrazzjoni u b’velocita eccessiva u bi hsejjes zejda u naqas milli jirralenta l-velocita’ tieghu meta avvicina *pedestrian crossing*. Huwa gie mwaqqaf mill-pulizija u rrizulta li ma kienx liebes cintorin tas-sigurta fil-karozza. L-imputat stqarr mal-pulizjia li l-karozza in kwistjoni ma kienitx assigurata

**7.** L-aggravju tal-appellant huwa limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti peress li fil-fehma tieghu in vista tal-fatt li d-delinkwenza tieghu hija dovuta ghall-karattru dghajjef tieghu u huwa facilment influwenzabbli minn kumpanija hazina aktar minn piena karcerarja effettiva il-piena kellha tkun piena karcerarja sospiza li maghha ghandu jkun hemm ordni ta’ sorveljanza sabiex tghinu jirriforma ruhu.

**Ikkunsidrat:**

**8.** Fis-seduta tal-20 ta’ Lulju 2012 l-Avukat Generali issolleva l-eccezzjoni tan-nullita’ tar-rikors tal-appell peress li huwa nieqes mill-fatti fil-qosor li huwa ingredjent essenzjali.

**9.** Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw l-eccezzjoni msemmija din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li l-istess eccezzjoni ghandha tintlaqa’ peress li l-appell huwa wiehed limitat ghall-piena u l-fatti esposti huma dawk

relevanti ghall-fini tal-appell kif arginat u ghall-fini tal-aggravju dedott u ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-fatti esposti huma sufficjenti sabiex jissodisfaw il-vot tal-ligi[1]. L-eccezzjoni tal-Avukat Generali qieghdha ghalhekk tigi respinta.

**10.** In kwantu ghall-mertu tal-appell tal-imputat dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti, din il-Qorti kemm-il darba sostniet li r-reati li taghhom instab hati l-appellant huma reati ferm gravi specjalment meta l-vettura involuta ma kienetx assigurata kontra r-riskji lil terzi persuni. Di piu' ir-reati in kwistjoni saru fil-perjodu meta l-imputat kien igawdi mill-helsien mill-arrest taht kundizzjoni. Huwa inaccettabbli f'socjeta' civili li persuna taghzel li tesponi persuni innocenti ghal hsara gravi f'persunithom b'sewqan manifestament bla kont, traskurat u non-kuranti minghajr anqas ikollha d-dicenza li taccerta ruhha li l-vettura li tkun issuq tkun koperta b'polza kontra r-riskji lil terzi kif, fuq kollox, trid il-ligi. Anqas jista' l-imputat jinvoka xi immaturita' intelletwali minhabba l-eta' zghira tieghu ghaliex fi zmien l-incident l-appellant kienet persuna adulta tal-eta ta' 28 sena u ma hemm xejn x'jindika li hu xi deficjenti li ma kienx konsapevoli tal-irresponsabilita' ta' ghemilu u tal-konsegwenzi li setghu jirrizultaw. L-imputat ilu s-snin juri li huwa ma jimportah xejn la mill-ligi, la mis-sahha tan-nies, la mir-regolamenti tat-traffiku, la mill-awtorita' pubblika u anqas lest li jhalli lilu nnifsu jigi ggwidat bil-kelma t-tajba lejn, kif jinghad fir-rikors tal-appell, it-triq id-dritta. Di fatti instab diversi drabi hati ta' sewqan minghajr licenzja u ta' sewqan meta ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni u ta' sensiela ta' reati ohra li din il-Qorti ma hix fi hsiebha hawn telenka wahda, wahda u b'sentenza tal-20 ta' Jannar 2006 ta' din il-Qorti s-sentenza ta' prigunerija effettiva tal-ewwel istanza giet riformata ghal wahda ta' sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation. Xejn ma hadem. Dak iz-zmien l-imputat kellu l-eta' ta' 22 u sena; illum ghandu 28. Ghaddew 6 snin u ghadu jakkolla l-irresponsabilita' tieghu lill-haddiehor, lill-kumpanija hazina, lix-xoghol li tilef u li attribwiha ghas-sitwazzjoni ekonomika prezenti. L-appellant ghadu

[1] Ara App Kriminali Pulizija v Lorcharles Pace, 20/7/2012

jippersisti filli jemmen li kollox u kulhadd hu responsabbli ghall-ghemilu barra hu nnifsu.

**11.** Din il-Qorti ma hix lesta li ghal darb'ohra thalli lil persuna bhall-imputat li  konsistentment wera li hu ta' perikolu ghas-sahha u l-hajja tal-membri tal-komunita' barra fit-triq meta gia fil-passat uriet indulgenza mieghu u anki taghtu l-opportunita' li jhalli lilu nnifsu jigi mghejjun minn *probation officer* li setghet tghinu jirriforma ruhu; opportunita' li huwa rega rema'.

**12.** Bhala Qorti ta' revizjoni din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-ligi u sakemm dik il-piena ma tkunx wahda manifestament eccessiva jew ma jkunx hemm ragunijiet serji ohra li minhabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti. Ma rrizultaw ebda ragunijiet li jwasslu lil din il-Qorti sabiex tibdel il-piena erogata mill-ewwel Qorti u anzi rrizultaw ragunijiet sufficjenti sabiex tikkonfermha.

Ghall-motivi premessi l-appell tal-imputat appellant Julian Calleja qieghed jigi michud u qed tigi konfermata s-sentenza appellata fl-intier taghha b'dan li l-perjodu ta' sena tas-sospensjoni tal-licenzja kif ordnat fis-sentenza appellata ghandu jibda jiddekorri min-nofs il-lejl ta' llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------